TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 258/12-F

**Carmel Camilleri**
**vs**
**Marphil Gauci**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-5 ta' Ottubru, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), rappreżentanti xogħol li sar fuq il-bejt li jikkonsisti f'*waterproofing*.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien qabbad lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' *waterproofing* fuq il-bejt tal-propjeta' tar-rikorrenti, liema materjal beda jitqaxxar u b'hekk ix-xogħol sar għalxejn u li kien ħallas l-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunbal, jinnota wkoll illi r-rikorrenti talab illi n-notifika tal-Avviż issir bl-Affissjoni u fuq Gazzetta Lokali u Gazzetta tal-Gvern, iżda l-intimat baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, u jikkonferma l-fatti bil-ġurament, qiegħed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888